

32006D0723

L 296/20

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

26.10.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-24 ta' Ottubru 2006

li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' "żejt tan-nebbieta tal-qamħirrum b'sustanza insaponifikabbli għolja" bħala ingredjent ta' l-ikel ġdid taħt ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 4980)

(It-test Franċiż biss huwa awtentiku)

(2006/723/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar ikel ġdid u ingredjenti ta' l-ikel ġodda ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-24 ta' Ottubru 2001 il-kumpanija Laboratoires Pharmascience (issa Laboratoires Expanscience) għamlet talba lill-awtoritajiet kompetenti ta' Franza biex tqiegħed "żejt tan-nebbieta tal-qamħirrum b'sustanza insaponifikabbli għolja" fis-suq bħala ingredjent ta' l-ikel ġdid.
- (2) Fit-8 ta' Jannar 2002 l-awtoritajiet kompetenti ta' Franza għadew l-ewwel rapport ta' evalwazzjoni tagħhom lill-Kummissjoni. Ir-rapport wasal għall-konklużjoni li ż-żejt tan-nebbieta tal-qamħirrum b'sustanza insaponifikabbli għolja propost bħala ingredjent ta' l-ikel b'konsum kwotidjan ta' 2 g kuljum jippermetti suppliment ta' teħid ta' vitamina E u kkonkluda wkoll li l-livelli ta' phytosterol ma kinux biżżejjed biex inaqqsu l-choesterolaemia.
- (3) Il-Kummissjoni għaddiet ir-rapport ta' evalwazzjoni inizjali lill-Istati Membri kollha fit-18 ta' Frar 2002.
- (4) Fi żmien il-perjodu ta' 60 jum stabbilit fl-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 258/97, tqajmu oġġezzjonijiet raġunati għat-tqegħid fis-suq tal-prodott b'mod konformi ma' din id-dispożizzjoni.
- (5) L-Awtorità għas-Sigurtà Alimentari Ewropea (European Food Safety Authority EFSA) għet ikkonsultata fit-30 Jannar 2004.
- (6) Fis-6 ta' Diċembru 2005, l-EFSA adottat l-"Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar Prodotti Djetetiċi, Nutrizzjoni u Allergji fuq talba mill-Kummissjoni marbuta maż-żejt tan-nebbieta tal-qamħirrum b'sustanza insaponifikabbli għolja bħala ingredjent ta' l-ikel ġdid".

(7) L-opinjoni waslet għall-konklużjoni li l-livell ta' użu propost ta' 2 g kuljum ta' "żejt tan-nebbieta tal-qamħirrum b'sustanza insaponifikabbli għolja" kien bla periklu.

(8) Huwa magħruf li "iż-żejt tan-nebbieta tal-qamħirrum b'sustanza insaponifikabbli għolja" b'livell ta' użu maħsub ta' 2 g kuljum huwa għajn ta' Vitamina E bla periklu. Għall-ittikkettar u l-preżentazzjoni tapplika d-Direttiva 2002/46/KEE ⁽²⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri marbuta mas-supplimenti ta' l-ikel.

(9) Fuq il-bażi tal-valutazzjoni xjentifika, huwa stabbilit li 'iż-żejt tan-nebbieta tal-qamħirrum b'sustanza insaponifikabbli għolja' huwa konformi mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3 (1) tar-Regolament (KE) Nru 258/97.

(10) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Iż-żejt tan-nebbieta tal-qamħirrum b'sustanza insaponifikabbli għolja', kif speċifikat fl-anness jista' jitqiegħed fis-suq fil-Komunità bħala ingredjent ta' ikel ġdid għall-użu fis-supplimenti ta' l-ikel.

Artikolu 2

L-ogħla kwantità ta' "żejt tan-nebbieta tal-qamħirrum b'sustanza insaponifikabbli għolja" preżenti f'porzjon irrakkomandat għall-konsum ta' kuljum mill-manifattur għandha tkun ta' 2 g.

⁽¹⁾ ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru. 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 183, 12.7.2002, p. 51. Direttiva hekk kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/37/KE (ĠU L 94, 1.4.2006, p. 32).

Artikolu 3

L-isem ta' l-ingredjent ta' ikel ġdid għandu jkun "estratt taż-żejt tan-nebbieta tal-qamħirrum".

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil-Laboratoires Expanscience, Siège Social, 10, Avenue de l'Arche, F-92419 Coubevoie Cedex

Magħmul fi Brussell, nhar il-24 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

Karatteristiċi taż-żejt tan-nebbieta tal-qamħirrum b'sustanza insaponifikabbli għolja

DESKRIZZJONI

'Iż-żejt tan-nebbieta tal-qamħirrum b'sustanza insaponifikabbli għolja' huwa prodott permezz tad-distillazzjoni bil-vakwu u huwa differenti miż-żejt tan-nebbieta tal-qamħirrum fin bkoncentrazzjoni tal-frazzjoni insaponifikabbli (1.2 g fiż-żejt tan-nebbieta tal-qamħirrum fin u 10 g fiż-żejt tan-nebbieta tal-qamħirrum b'sustanza insaponifikabbli għolja).

KARATTERISTIĊI

<i>Sustanza insaponifikabbli</i>	> 9 g/100 g
Tocopherols	≥ 1.3 g/100 g
α-tocopherol (%)	10 – 25 %
β-tocopherol (%)	< 3 %
γ-tocopherol (%)	68 – 89 %
δ-tocopherol (%)	< 7 %
Sterols, triterpenic alcohols, methylsterols	> 6.5g/100 g
<i>Aċidi grassi fi trigliċeridi</i>	
aċidu palmitiku	10 – 20 %
steariku	< 3.3 %
olejku	20 – 42.2 %
linolejku	34 – 65.6 %
linoleniku	< 2 %
<i>Valur ta' aċidu</i>	≤ 6 mg KOH/g
<i>Valur ta' perossidu</i>	≤ 10 mEq O ₂ /kg
<i>Hadid (Fe)</i>	< 1 500 µg/kg
<i>Ramm (Cu)</i>	< 100 µg/kg
<i>Idrokarburi aromatiċi poliċikliċi (PAH) Benzo(a)pyrene</i>	< 2 µg/kg

It-trattament bil-faħam attiv huwa meħtieġ biex ikun żgurat li l-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi (PAH) ma jiġux arrikkiti fil-produzzjoni taż-żejt tan-nebbieta tal-qamħirrum b'sustanza insaponifikabbli għolja.